# Tumas Dingli u x-Xogħlijiet Tiegħu
## *(1591 – 1666)*

**Kitba ta' C. Mallia**



Tumas Dingli twieled Ħ'Attard fit-22 ta' Diċembru 1591. Missieru kien Ġakbu u ommu Katarina imwielda Tabone.

Missier Tumas kien skultur, waqt li zijuh - l-inġinier Andrea Dingli - kien arkitett ta' fama kbira. Ħu Tumas, Filippu kien pittur.

Kellu żewġ kuġini min-naħa ta' ommu li kienu: Dun Marku Tabone – it-Tieni Kappillan ta' Ħ'Attard – u Patri Anġelo Tabone li kien Dumnikan.

Tumas twieled fi żmien meta kien hemm ħtieġa kbira ta' fortifikazzjonijiet. Ma ninsewx li 26 sena qabel twelidu kellna l-Assedju l-Kbir. Il-Kavalieri ddeċidew li jibnu belt ġdida u għalhekk riedu jiffortifikawha sewwa. Minħabba dan, it-tfal li kienu juru l-iċken ħajra lejn l-arkitettura kienu mill-ewwel jibagħtuhom għand xi arkitett biex jitgħallmu l-arti tiegħu.

Tumas li wera ġibda lejn din l-arti beda jistudja l-matematika u aktar tard beda jitħarreġ ma' Matteo Coglituri kif ukoll mal-imgħallem Gianni Attard minn Ħaż-Żebbuġ.

### L-Akwedott

Meta kien qiegħed isir il-proġett biex jitwassal l-ilma sal-belt il-ġdida u waslu Ħ'Attard inqalgħet problema għax sabu li l-art kienet baxxa wisq biex jitkompla x-xogħol, imma l-Perit Bontadini beda jibni arkati jew akwedott biex seta' jgħaddi l-ilma minn fuqhom. Tumas u Ġanni Attard ħadmu fuq l-Akwedott li kien qed jibni l-Granmastru Wignacourt bejn is-snin 1610-1614.

### Il-Knisja ta' Ħ'Attard

L-ewwel jeħtieġ nikkorreġu xi dati dwar il-bini tal-Knisja ta' Ħ'Attard. Jekk inħarsu fuq il-blata tal-bieb tal-korsija n-naħa tal-kampnar insibu mnaqqax l-annu 1613; imma dan mhux l-annu ta' meta bdiet tinbena l-knisja, għax qiegħed tlettax il-filata 'l fuq mill-pedament. Dan ifisser li biex il-bini tal-knisja laħaq tela sat-tlettax-il filata kien għadda żmien mhux ħażin.

Jerġa', qabel il-pedament kien jeħtieġ li jsir it-tħaffir sakemm jinstab il-blat. Dan ix-xogħol kellu jieħu xi tliet snin jew iżjed, għax kollox kien isir bl-idejn. Mela l-knisja ma bdietx tinbena fl-1613 imma bejn wieħed u ieħor fl-1610

Imbagħad hemm ħaġ'oħra. Jekk nidħlu fil-Knisja u nħarsu 'l fuq lejn iċ-ċirku li fuqu titla' l-koppla hemm annu ieħor: 1628. Imma dan mhux l-annu ta' meta tlestiet il-Knisja għax kien għad jonqos it-tambur, il-koppla u l-lanterna. Xogħol li seta' ħa xi tlieta jew erba' snin oħra.

Barra minn dan Dun Gio Batta Sammut fid-deskrizzjoni li kiteb fl-1824 dwar il-Knisja ta' Ħ'Attard jgħid: "Fis-sena 1718 inbeda x-xogħol tal-Kampnar li ntemm fornut b'kollox fl-1726 u dan żejjen il-Knisja".



Mela jkollna ngħidu li l-Knisja (mingħajr il-Kampnar) inbdiet ċ 1610 u tlestiet bejn wieħed u ieħor fis-sena fl-1628

Waqt li l-Kampnar inbeda fis-sena 1718 u tlesta minn kollox fis-sena 1726.

Jekk Tumas Dingli ddisinja l-Knisja fl-1610 allura kellu 19-il sena! Forsi hawn min jaħseb li kien għadu żgħir biex ippjanta l-Knisja ta' età hekk żgħira. Hawn ta' min ifakkar li zijuh kien arkitett ta' fama kbira, għedna wkoll li l-ewwel beda jistudja l-matematika ma' Matteo Cogliturì u ma' Ġianni Attard. Allura dan kollu ma sewa xejn? Mhix xi ħaġa impossibbli li bniedem bħal Tumas wara snin jistudja ma' nies tal-affari tagħhom kien ukoll kapaċi jiddisinja l-Knisja hu. Kien it-Tielet Kappillan Dun Stiefnu Buttiġieġ li talbu biex jiddisinja l-Knisja l-ġdida għal Ħ'Attard billi l-knisja l-qadima (li ra Dusina fl-1575) kienet saret żgħira.

Dik kienet l-ewwel Knisja li ddisinja Tumas u kienet suċċess.

Din il-knisja hija ġojjel tal-arti rinaxximentali u għadha kif ħalliha Tumas waqt li l-knejjes l-oħra li bena Tumas jew inħattu (bħal tal-Mosta l-qadima) jew sarulhom bidliet kbar.

Il-Knisja għandha forma ta' salib latin jiġifieri kor, korsija u żewġ kappelluni: tar-Rużarju fuq in-naħa tal-Kampnar u tal-Kunċizzjoni n-naħa taċ-Ċentru Parrokkjali.

Fil-faċċata l-knisja għandha portiku sabiħ li jdawwar il-bieb il-kbir. Fih żewġ pilastri u fuqhom frontispizju li huma mżejnin bi skultura fina qisa bizzilla.

Sitt niċeċ bl-istatwi ġo fihom, tlieta kull naħa f'linja vertikali jiddekoraw il-faċċata. L-istatwi nħadmu fl-1945 minn Francesco Sciortino fi żmien il-Kappillan Mikiel Balzan. L-istatwi huma: S. Anna, S. Ġwakkin, S. Ġwann Battista, S. Ġużepp, Abraham u David.

Meta Tumas Dingli miet ġie midfun taħt it-tarġa tal-artal tad-Duluri li hemm fil-Korsija proprju fl-Ewwel Knisja tar-raħal tiegħu li ddisinja hu.

## "Porta Reale"

Xogħol importanti ta' Tumas Dingli kien meta bena u żejjen il-bieb tal-Belt magħruf bħala 'Porta Reale' li n-nies bdew isejħulu 'Putirjal'

Dan il-bieb kien it-tieni wieħed għax qablu kien hemm ieħor magħruf bħala 'Porta S. Giorgio'

## Il-Palazz tal-Isqof

Bena wkoll il-palazz tal-Isqof Balthasar Cagliares (1615-1633). Billi l-Granmastru kien qed jibni l-belt kien jieħu mill-ħaddiema li kellu l-Isqof; imma dan iddeċieda li jagħti t-tonsura lill-ħaddiema tiegħu. B'hekk il-ħaddiema saru 'kjeriċi' li fuqhom il-Granmastru ma kellu ebda setgħa.

## Il-Knisja ta' Ħaż-Żebbuġ

Ħaż-Żebbuġ kellu għadd ta' knejjes żgħar. Imma kien hemm xewqa li tinbena knisja akbar minn dawk ta' qabel. Filippu l-Kataniż offra l-art basta l-knisja tkun dedikasta l-knisja tkun dedikata lil San Filep. Sar il-ftehim u fl-1622 beda l-bini tal-Knisja l-ġdida taħt il-perit Tumas Dingli ta' Ħ'Attard. Anki din il-knisja sarulha tibdiliet kbar.



## Il-Knisja tan-Naxxar

In-Naxxar kien ilu parroċċa għax meta l-Isqof De Mello ġie hawn Malta sab li n-Naxxar kien wieħed mill-għaxar parroċċi li kienu diġà jeżistu, anzi



flimkien man-Naxxar kien hemm ukoll il-Għargħur u l-Mosta li kienu jiddependu minnu.

Il-Knisja li naraw illum inbniet fuq pjanti ta' Tumas Dingli ta' Ħ'Attard.

Kellha l-forma ta' salib. Jiġifieri Kor, żewġ kappelluni u korsija li twila 30 pied

## Il-Knisja tal-Gudja

Birmiftuħ kien waħda mill-għaxar parroċċi li sab l-Isqof De Mello fl-1436 Illum baqa' biss il-knisja l-antika li tagħmel parti mill-Parroċċa tal-Gudja. Fil-qedem kienu jagħmlu magħha Ħal Tarxien, Ħal Kirkop, l-Imqabba, Ħal Safi u Ħal Farruġ. Għall-ħabta ta' nofs is-seklu sbatax, inbniet parroċċa ġdida dedikata lill-Assunta. Fl-1656 bil-ħidma tal-Kappillan Dun Ġwann Gatt ġiet mibnija Knisja Parrokkjali



ġdida, fuq disinn ta' Tumas Dingli ta' Ħ'Attard. Damet tinbena sal-1666. Il-Knisja hi magħmula minn kor, żewġ kappelluni u sitt kappelli żgħar, tlieta f'kull ġenb u għandha għaxar artali. Kienet lesta għal kollox forma ta' salib fl-1709. Fl-1858 bdew xogħol fuq kampnar disinjat minn William Baker. Il-Knisja kien fiha kor, żewġ kappelluni u sitt kappelli żgħar, tlieta kull ġenb u għandha għaxar artali. Sal-1892 kienet kważi abbandunata, iżda wara bit-tħabrik tad-devoti inżammet b'mod tajjeb ħafna. Il-faċċata tagħha bnieha mill-ġdid l-imgħallem Anġlu Dalli fuq pjanta ta' dilettant Gudjan.

## Il-Knisja ta' Ħaż-Żabbar

Fil-25 ta' Diċembru 1615 in-nies ta' Ħaż-Żabbar talbu lil Isqof Cagliares biex iwaqqaf lil Ħaż-Żabbar bħala Parroċċa. Din ix-xewqa taż-Żabbarin ġiet milqugħa u fl-10 ta Jannar 1616 l-ewwel Kappillan Dun Angelo Pontremoli ħa l-pussess tal-Parroċċa.

In-nies tal-viċi parroċċa ta' San Ġakbu, ippretendew li billi l-knisja tagħhom kienet akbar mill-kappella tal-Madonna tal-Grazzja kellhom jieħdu l-parrokkat huma; imma għal raġuni flokha intgħażlet il-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja minħabba li kellha ġa stabbilita devozzjoni kbira lejn il-Madonna.



Ix-xogħol biex dik il-kappella żgħira titkabbar beda fl-1 ta' Mejju 1641 fuq pjanta ta' Tumas Dingli ta' Ħ'Attard. Il-Knisja l-ġdida kellha l-forma ta' salib u l-Kappillan Dun Franġisk Piscopo għamel f'moħħu li jmexxi kemm jiflaħ dan ix-xogħol ta' rikostruzzjoni. Fil-fatt ix-xogħol intemm fl-1696.

Għadda ż-żmien li fih iż-Żabbarin talbu li l-faċċata tal-Knisja tinbidel. Hawn għandna għax naħsbu li l-faċċata kienet tixbah lil dik tal-ewwel knisja li bena ġo Ħ'Attard, imma forsi ma għoġbithomx.

Għal din it-talba ndaħal l-Arċipriet Giovanni Bonavia li ddisinja l-faċċata mill-ġdid. Ix-xogħol inbeda fl-1738 li fih kien hemm ukoll il-bini ta' żewġ kampnari. Dan ix-xogħol intemm fl-1742.

Il-Knisja għaddiet minn bidliet strutturali fuq il-parti ġewwenija tal-faċċata, fuq il-paviment tal-irħam u post fejn jidfnu l-mejtin tagħhom

Fl-1911 reġgħu kabbruha bil-bini ta' sitt navi tlieta kull naħa.

Il-koppla li ddisinja Tumas Dingli sofriet ħsarat kbar meta sar terremot u kellha tinbena koppla ġdida. Dan ifisser li l-knisja li ppjanta Tumas Dingli damet biss mill-1696 sal-1738 meta beda t-tibdil fiha. Illum fadal biss il-forma ta' salib mill-pjanta ta' Tumas Dingli.

## It-Tieni Knisja tal-Mosta (ta' qabel ir-Rotunda)

Fl-antik il-Mosta kien tagħmel man-Naxxar, u dan kien ifisser li l-Mostin kien ikollhom imorru n-Naxxar biex jirċievu s-sagramenti. Sadattant Malta kienet ġa għaddiet mill-Assedju l-Kbir u xi żmien wara meta ħassewhom żguri, il-poplu talab li l-Mosta ssir Parroċċa għaliha u ma tibqax tiddependi minn Naxxar. Fl-1608 din it-talba ġiet milqugħa





mill-Isqof Gargallo. Għalhekk ħatar lil Dun Ġwann Bezzina bħala l-ewwel Kappillan tal-Parroċċa ġdida.

Għażlu lill-arkitett Tumas Dingli 'ta' Ħ'Attard" biex jagħmel il-pjanti tal-knisja hu. Tumas aċċetta u ddisinja knisja f'għamla ta' salib: korsija, kor u żewġ kappelluni. Il-faċċata kellha żewġ pilastri fit-truf tal-ġnub, sitt niċeċ - tlieta kull naħa - f'linja vertikali u żewġ kampnari li kienu jitilgħu fil-faċċata fiż-żewġt iġnub. F'dik il-knisja kien hemm għaxar artali. Kellha wkoll kolonna għolja daqs il-kampnari b'salib tal-ġebel fuq nett ftit 'il quddiem fil-lemin ta' min iħares. Kellha xebħ kbir mal-Knisja ta' Ħ'Attard li wkoll għandu għaxar artali u mal-Knisja l-Qadima ta' B'Kara.

Din it-tieni knisja tal-Mosta tlestiet fl-1619.

Imma dik il-knisja serviet biss għal 214-il sena għax fl-1833 saret żgħira wisq għan-nies li kienu jiffrekwentawha. Għalhekk talbu lill-Arkitett Grognet de Vasse biex jiddisinja knisja akbar - dik li llum magħrufa bħala, ir-Rotunda.

## Il-Knisja l-Qadima ta' B'Kara

Fl-1436 Birkirkara kienet ġa Parroċċa. Dan nafuh għax meta wasal Malta l-Isqof Senatore de Mello sab li kien hawn 10 parroċċi fosthom dik ta' Birkirkara li magħha kien jagħmel Ħ'Attard.

L-ewwel Knisja kienet dedikata lill-Assunta u baqgħet parroċċa sas-sena 1618.

Fl-1594 Dun Filippu Borg inħatar bħala Kappillan u għen ħafna fil-bini tal-Knisja l-qadima. Ġie mqabbad biex jagħmel il-pjanti Vitor Cassar iben Ġlormu l-arkitett tal-Ordni ta' San Ġwann.

Imma meta Vitor Cassar miet il-bini tal-Knisja tkompla minn Tumas Dingli 'Ta' Ħ'Attard'. Dan, iddisinja l-faċċata u fl-1655 bdiet tiela' l-koppla, b'disinn tal-imsemmi Tumas Dingli.

Sadattant fl-1727 bdiet tinbena l-Kolleġġjata ta' Sant'Elena u damet tinbena sas-sena 1760. Malli bdiet tiffunzjona l-kolleġġjata, il-Knisja l-Qadima bdiet tintesa u ġarrbet ħsarat kbar matul iż-żmien.

Fl-1950, il-Kapitlu Elenjan xtaq jirranġa din il-Knisja u fl-aħħar tas-snin 60 beda x-xogħol li sar mill-imgħallen Abraham Schembri.

Illum din il-knisja hija parroċċa u miżmuma tajjeb ħafna u jfittxuha ħafna l-parruċċani ta' dik iż-żona.

